


Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel

Sessjoni 1

16 ta' Diċembru 2022 sat-18 ta' Diċembru 2022



European Citizens Panel
food waste
Have Your Say

#FoodWasteEU



1. Ħarsa ġenerali

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-ħela tal-ikel jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżul b'mod aleatorju u jiltaqa' għal tlett sessjonijiet. L-ewwel sessjoni saret mis-16 sat-18 ta' Diċembru 2022 f'Brussell u ġie introdott is-suġġett kif ukoll il-kuntest tal-panel. Iċ-ċittadini bdew jsiru jafu lil xulxin u tgħallmu dwar ir-regoli għal diskussionijiet kostruttivi. Wara daħlu fid-dettal dwar il-fehim tal-kwestjoni u l-isfidi tal-ħela tal-ikel fl-Ewropa. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u l-kelliema esterni għenu liċ-ċittadini biex jifhmu aktar l-approċċi u l-azzjonijiet li jistgħu jgħinu biex inaqqsu l-ħela tal-ikel, u ppreżentaw ukoll l-ostakoli, l-isfidi u d-dilemmi kif ukoll il-benefiċċji u l-opportunitajiet relatati. L-għan tal-ewwel sessjoni kien li jagħti l-bidu għal ideat u jibni raggruppamenti ta' approċċi li ċ-ċittadini jsibu l-aktar promettenti għal diskussionijiet futuri fis-sessjonijiet li jmiss.

L-ewwel ġurnata (II-Ġimgħa)

II-Ġimgħa, ċ-ċittadini ġew milqugħha mir-rappreżentanti ewlenin tal-moderazzjoni u tal-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttur Ġenerali, Pia Ahrenkilde Hansen, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Dubravka Šuica, u l-Kummissarju għas-Saħħha u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides. Huma enfasizzaw l-importanza tal-panel taċ-ċittadini u r-rwol tal-UE biex tindirizza l-ħela tal-ikel. Il-moderaturi ewlenin spjegaw l-ordni tal-ewwel sessjoni tal-aġenda kif ukoll tas-sessjonijiet ta' wara liċ-ċittadini. Wara xi logħob biex isiru jafu aktar lil xulxin, stħarriġ qasir online għin liċ-ċittadini biex jidħlu aktar fis-suġġett tal-ħela tal-ikel. Biex jippreparaw liċ-ċittadini aktar għad-diskussionijiet li ġejjin, id-Deputat Kap tal-Unità dwar id-Djalogu maċ-Ċittadini, fid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, Gaetane Ricard-Nihoul, wara ftit introduċa l-korpi tal-UE, kif ukoll il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dak leġiżlattiv. Wara, dan, il-Kap tat-Tim tal-Unità tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, fid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħha u s-Sikurezza Alimentari, tal-Kummissjoni Ewropea, Anne-Laure Gassin, introduċiet is-suġġett tal-ħela tal-ikel fid-dettall. Is-suġġett ġie estiż aktar mill-Koordinatur ta' Maradék Nélküll (Proġett Wasteless), il-programm nazzjonali tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerja u l-Professur Assoċjat tal-Università tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungerja u l-Maniġer tal-Programm tal-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Università f'Wageningen, Toine Timmermans, li ffoka fuq il-mistoqsjiet: 1. X'inhi l-isfida? u 2. X'nistgħu nagħmlu? Barra minn hekk, il-panel magħmul minn diversi esperti u prattikanti mis-settur pubbliku u privat (li jkopru l-katina tal-provvista tal-ikel, il-komunità tar-riċerka u l-NGOs) ippreżentaw diversi perspektivi dwar is-suġġett tal-ħela tal-ikel. Permezz tal-istħarriġ online, iċ-ċittadini setgħu jressqu l-mistoqsjiet b'mod kontinwu li twieġbu matul il-weekend mill-esperti fiċ-“Ċentru tal-Għarfien u tal-Informazzjoni” (KIC)

It-tieni ġurnata (Is-Sibt)

Is-Sibt, iċ-ċittadini ġadmu ma 12-il grupp ta' tħidma parallel li ġew interpretati u faċilitati fl-istess waqt minn faċilitaturi esperjenzati. Il-gruppi pproduċew il-kontenut tagħhom fuq spreadsheets multilingwi li ġew marbuta mal-gruppi l-oħra. Fl-ewwel slot tal-ġurnata, saru diskussionijiet mal-grupp rigward is-suġġett tal-valuri tal-UE, tal-ikel u tal-ħela tal-ikel b'mod ġenerali. Għaldaqstant, id-diskussionijiet immirraw is-soluzzjonijiet u l-ideat potenzjali għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u l-prioritizzazzjoni tagħhom. Kull grupp għażel l-aqwa ġumes ideat u approċċi tagħhom għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Imbagħad iċ-ċittadini kienu mitluba jorbtu l-approċċi tal-gruppi l-oħra mal-ideat tagħhom stess u b'hekk ikkontribwixxew għal raggruppament ta' 60 idea u approċċi li kienu ġew prioritizzati qabel. Tul l-aħħar slot tal-ġurnata, kull grupp irċieva wieħed minn dawk ir-raggruppamenti identifikati qabel. Iċ-ċittadini ntalbu jittikettaw u jiddiskutu ir-raggruppamenti. Huma kkomplementaw ir-raggruppamenti b'aktar ideat u fasslu ġustifikazzjoni dwar l-importanza ta' dan ir-raggruppamenti. L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li jagħti liċ-ċittadini sentiment kondiviż ta' responsabbiltà u ppermetta li kulħadd jagħti l-opinjoni

tiegħu dwar is-suġġett. Fl-aħħar tal-ġurnata, ir-raggruppamenti finalizzati ġew awtomatikament tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u pprovduti liċ-ċittadini b'verzjoni bil-lingwa tagħhom.

It-tielet ġurnata (II-ħadd)

Il-ħadd fil-ġħodu, fil-bidu tas-sessjoni plenarja l-parteċipanti rċeveli ir-raggruppamenti fil-lingwa rispettiva tagħhom. Kelliema minn kull grupp ta' ħidma ppreżenta ir-raggruppamenti u l-ġustifikazzjonijiet tagħhom. Iċ-ċittadini ntalbu biex jagħtu prioritā lir-raggruppamenti fil-“Forum Miftuħ” permezz ta’ 10 posters li juru r-raggruppamenti u isimhom li ngħataw mill-gruppi ta’ ħidma. Iċ-ċittadini ngħataw ħames punti kull wieħed, li użaw biex jikklassifikaw ir-raggruppamenti preferiti tagħhom fuq il-posters. Wara l-waqfa għall-kafè, saret sessjoni ta’ mistoqsijiet u tweġibet bl-iskop li jitwieġbu l-mistoqsijiet miftuħa u rikorrenti li tqajmu matul tmiem il-ġimgħa, kif ukoll il-mistoqsijiet spontanji li saru waqt il-plenarja. Wara, ġew ippreżentati l-klassifikazzjoni tar-raggruppamenti flimkien mal-informazzjoni għas-sessjoni li jmiss li se ssir b'mod virtwali. Ir-rimarki finali u t-tislima ngħataw mid-Direttur tar-Rappreżentanza u tal-Komunikazzjoni fl-Istati Membri, tal-Kummissjoni Ewropea, Richard Kühnel.

2. Aġenda fil-qosor

Il-Ġimgħa 16 ta’ Diċembru PLENARJA

02:00pm – 02.15pm	Kliem ta’ ftuħ mill-Kummissjoni Ewropea
02-15pm - 03:30pm	Insuru nafu aktar lil xulxin, tagħrif dwar l-istituzzjonijiet u l-leġiżlazzjoni tal-UE, ir-rwol taċ-ċittadini f'dan il-proċess.
03:30pm – 04:00pm	Waqfa għall-kafè
04:00pm – 06:00pm	Introduzzjoni fuq il-ħela tal-ikel u l-katina tal-valur, panel ta’ diskussjoni mmexxija minn moderatur dwar l-azzjonijiet biex titnaqqas il-ħela tal-ikel ma’ partijiet kkonċernati differenti, kwestjonijiet organizzattivi.

Is-Sibt 17 ta’ Diċembru GRUPPIJET TA’ ĦIDMA

09:00am – 10:30pm	Min int u x'inhu importanti għalik? Insuru nafu aktar lil xulxin, niddiskutu dwar il-valuri personali, skambju dwar id-drawwiet alimentari (ħela)
10:30am – 11:00am	Waqfa għall-kafè
11:00am – 01:00pm	Kif nistgħu nnaqqsu l-ħela tal-ikel u liema huma l-aktar soluzzjonijiet importanti? Diskussjonijiet dwar approċċi u azzjonijiet differenti, niġġeneraw l-ideat u nipprioritizzaw
01:15pm – 02:15pm	Waqfa għall-ikla ta’ nofsinhar
02:30pm – 04:00pm	Liema ideat ta’ gruppi oħra huma simili għal tagħna? Norbtu l-approċċi tagħna ma’ dawk ta’ gruppi ta’ ħidma oħra (norbtu u nirraggruppaw)
04:00pm – 04:30pm	Waqfa għall-kafè
04:30pm – 06:00pm	Kif nistgħu nittikkettaw l-ideat simili u għaliex huma importanti fit-tnejja tal-ħela tal-ikel? Naħdmu mar-raggruppamenti tal-approċċi u npoġġulhom tikketta (klassifikazzjoni)

Il-ħadd 18 ta’ Diċembru PLENARJA

09:00am – 10:45am	X'kien ir-riżultat tal-gruppi ta' ħidma? Preżentazzjoni tar-raggruppamenti, Forum Miftuħ, prioritizzazzjoni tar-raggruppamenti.
10:45am – 11:15am	Waqfa għall-kafè
11:15am – 01:00pm	X'tgħallimna dan it-tmien il-ġimgħa u xi jmiss? Twiegħibet għall-mistoqsijiet ewlenin.

3. Lista ta' esperti involuti

Matul l-ewwel sessjoni, ipparteċipaw dawn l-esperti li ġejjin:

L-esperti tal-Kummissjoni Ewropea:

1. *Id-Deputat Kap tal-Unità dwar id-Djalogu maċ-Ċittadini, tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, Gaëtane Ricard-Nihoul*
2. *Il-Kap tat-Tim tal-Unità tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħha u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea, Anne-Laure Gassin*

L-esperti u l-prattikanti esterni:

1. *Il-Maniġer tal-Programm tal-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Università f'Wageningen, Toine Timmermans*
2. *Il-Koordinatur tal-Ambjent tal-Grupp Colruyt, Victor De Meester*
3. *Il-Kap fil-Qasam tar-Riċerka tal-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-Ikel, Betty Chang*
4. *Il-Maniġer tal-Proġett tal-Koalizzjoni Internazzjonali kontra l-ħela tal-ikel, Thomas Candéal*
5. *Il-Maniġer tal-Proġett għall-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel u l-insigurtà tal-ikel - l-ikel sostenibbli, tal-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-sovranità tal-ikel, Franza, Maïwenn L'Hoir*
6. *Il-Koordinatur ta' Maradék Nélkül (Proġett Wasteless), il-programm nazzjonali tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerja u Professur Assoċjat fl-Università tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungerja, Gyula Kasza*
7. *Il-Konsulent ta' Livell Għoli għall-Politika, tas-sikurezza alimentari, tal-informazzjoni għall-konsumatur, tan-nutrizzjoni tal-annimali u tal-għalf, tal-assigurazzjoni tal-kwalità f'COPA COGECA, Bruno Menne*
8. *Is-Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-ikel, Angela Frigo*

4. Raggruppamenti definiti miċ-ċittadini

Ir-riżultati mill-gruppi ta' ħidma nġabru f'10 raggruppamenti. Matul il-Forum Miftuħ ingħataw priorità skont dan l-ordni (Ir-riżultati kollha tar-raggruppamenti jistgħu jinsabu fl-Anness 1: Riżultati tar-raggruppamenti):

1. C6: Bdiewa lokali u produtturi żgħar: soluzzjoni viabbi għall-ħela tal-ikel?
2. C2: Tagħlim u sensibilizzazzjoni
3. C3: "Taste the Waste": Kampanja kontra l-ħela tal-ikel
4. C10: Qassam, taħħix! / Tqassim tħisser iffrankar/ Unjoni ta' solidarjetà għal aċċess ġust għall-ikel biex tiġi evitata l-ħela
5. C8: Tikkettar: Għarraf biex taħħli anqas
6. C1: Daqsijiet tal-menū u konsum tal-fdalijiet
7. C7: Inizjattivi biex jiġu adottati mis-supermarkets u d-distribuzzjoni tal-katina biex tirrapporta l-ħela tal-ikel u tnaqqis fil-ħela tal-ikel

8. C9: Kwalità u kwantità tal-informazzjoni dwar il-ħela tal-ikel matul il-katina tal-valur
9. C5: Inċentivi biex titnaqqas il-ħela tal-ikel korporattiv
10. C4: Ħila ta' kull parteċipant affettwat biex jinfluwenza il-politika tal-ikel tal-UE

5. Reġistrazzjoni tas-sessjonijiet plenarji

16 ta' Diċembru 2022: <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-1-22-12-16>

18 ta' Diċembru 2022: <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-1-22-12-18>